**ROUND TABLE EVENT ORGANIZZAT MILL-mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xoghol u Familja flimkien mal-Caritas u l-Malta-EU Steering Action Committee il-Hamis**

**18 ta' Novembru 2010**

**Is-sena Ewropeja dedikata għall-faqar u l-esklużjoni soċjali**
**Preżentazzjoni mill-Alternattiva Demokratika**
**Angele Deguara – Kelliema għall-Iżvilupp Soċjali**

IR-REALTA`

Qegħdin fis-sena 2010 u f'wieħed mill-aktar reġjuni sinjuri tad-dinja għad hawn miljuni ta' nies jesperjenzaw il-faqar. Hafna minn dan il-faqar huwa faqar relattiv għalkemm ma nistgħux neskludu li l-faqar assolut jeżisti wkoll fil-pajjiżi Ewropej. Filwaqt li fl-Unjoni Ewropeja hemm medja ta' 16% tal-popolazzjoni li jgħixu fil-faqar (madwar 80 miljun ruħ), f'Malta ir-rata tal-faqar hija ftit inqas mill-medja, u kważi 14% tal-popolazzjoni li huma hekk imsejħa fir-riskju tal-faqar. Dan ifisser li aktar minn 57 elf persuna ġo pajjiżna jaqgħu taħt il-linja tal-faqar bi dħul ta' anqas minn 5,500 ewro fis-sena. Dawn il-figuri jpoġġu l-Malta qrib in-nofs meta kkomparata mal-pajjiżi l-oħra fl-Unjoni Ewropeja, b'rati ta' faqar iktar baxxi minn pajjizi bhall-Italja, Spanja u l-Greċja. Madankollu ma jfissirx li għandna nserrħu rasna u ma naħdmux kemm nifilħu biex intaffu s-sofferenzi ta' dawn l-eluf ta' nies li għadhom qed ibatu l-faqar ġo pajjiżna.

Kif nafu, ċerti kategoriji ta' nies fis-soċjeta` huma ħafna aktar vulnerabbli. Fost dawn insibu:
It-tfal (bejn 0-17) (18%) u anzjani li għandhom aktar minn 65 sena (20%)
Dawn huma l-aktar żewġ gruppi vulnerabbli fejn tidħol l-eta`
Fost il-gruppi l-aktar vulnerabbli nsibu familji b'ġenitur wieħed li ħafna minnhom ikunu jikkonsistu fl-omm u t-tfal (54%)
Hemm ukoll rati għoljin fost dawk li ma jaħdmux (51%)

Hemm gruppi oħra:
Familji b'żewġ adulti u tlett itfal jew aktar (25%)
Familji b'żewġ adulti, mill-inqas xiħadd minnhom għandu 65 jew aktar u mingħajr tfal (26%)
Dawk li jgħixu f'dar mikrija (19%) meta kkomparati ma' min għandu d-dar tieghu (13%);
Dawk li jgħixu waħedhom (inqas minn 65 sena) (28%)

Hemm rata ftit ogħla ta' faqar fost in-nisa milli fost l-irġiel.
F'Għawdex hemm l-ogħla rata ta' faqar (18%). F'Malta l-ogħla rata tinsab fis-southern harbour region (17%).

Meta tħares lejn is-sitwazzjoni minn angolu ieħor (dak ta' social deprivation), insibu li f'Malta hawn min ma jiflaħx iħallas għal computer jew għal karozza (4%). Il-maġġoranza tal-Maltin ma jaffordjawx vaganza darba f'sena, terz tal-popolazzjoni ma jaffordjawx spejjeż bla ħsieb ta' aktar minn 500 ewro. Madwar 8% ma jaffordjawx jieklu laħam, tiġieġ jew ħaxix ta' spiss, filwaqt li 10% ma jaffordjawx isaħħnu d-dar. Oħrajn jaqgħu lura fil-hlas ta' djun jew kontijiet tad-dawl u l-ilma. Kważi 60% tal-popolazzjoni jleħħqu mal-ħajja bl-eżatt. Fost dawk li jaqgħu taħt il-linja tal-faqar, kwart minnhom għandhom problemi kbar biex ileħħqu mal-ħajja.

## TAJJEB LI NSEMMU FTIT PUNTI MPORTANTI:

L-importanza tax-xogħol (u mhux kwalunkwe tip ta' xogħol) biex itaffi l-faqar. Niftakru li hawn nies li għandhom xogħol imma xorta ma jaffordjawx jgħixu ħajja diċenti speċjalment jekk għandhom xogħol prekarju.

L-importanza tal-edukazzjoni. Hemm indikazzjonijiet ċari li l-edukazzjoni għandha impatt qawwi fuq ir-rata tal-faqar.

Li hemm dimensjonijiet differenti ta' faqar. Il-faqar mhuwiex biss nuqqas ta' flus imma jista' wkoll ikun nuqqas ta' vuċi, nuqqas ta' rispett, nuqqas ta' dinjita` jew drittijiet, stigma u sens ta' falliment u umiljazzjoni.

Ma ninsewx ukoll l-esklużjoni socjali. Din mhix neċessarjament relatata mal-faqar għalkemm il-faqar ħafna drabi jwassal għal esklużjoni soċjali imma hemm dimensjonijiet oħra bħad-diskriminazzjoni, in-nuqqas ta' drittijiet jew vuċi, nuqqas ta' solidarjeta`, nuqqas ta' faċilitajiet għal persuni b'diżabilita` …...

## THE WAY FORWARD: X'QED TIPPROPONI L-ALTERNATTIVA DEMOKRATIKA

L-ewwel haġa l-AD temmen li għalkemm problemi għandna, Malta mhix taffaċċa kriżijiet kbar li ma tistax tegħleb. Iżda hemm bżonn li nagħmlu prijoritajiet ċari speċjalment fejn jidħlu l-oqsma tax-xogħol u tal-edukazzjoni.

Irridu nwessgħu ix-xibka ta' protezzjoni biex tinkludi jew tipproteġi aħjar lil ċerti gruppi vulnerabbli.

Fl-istess ħin irridu naħdmu biex il-welfare state jissaħħaħ u jkun aktar sostenibbli biex inkunu nistgħu nilqgħu aħjar għall-isfidi li għandna quddiemna.

### *Xogħol u Edukazzjoni*

L-AD ilha tisħaq li għandha tiżdied il-paga minima, anke fuq bażi ta' xogħol bis-siegħa, inkluż ghall-ħaddiema part-time u kuntrattwali, fuq bażi pro-rata. Żieda fil-paga minima tħeġġeġ aktar nies jidħlu fid-dinja tax-xogħol, tnaqqas ir-riskju ta' dawk li jinqabdu fin-nassa tal-faqar u li jiddependu mill-benefiċċji soċjali għax ikun jagħmel aktar sens li taħdem.

F'Malta għandna l-iktar rata baxxa fl-Ewropa ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Għalhekk għandhom jittieħdu miżuri biex inħeġġu aktar nies joħorġu jaħdmu speċjalment nisa. Għandha tinghata priorita' ghall-holqien ta' green jobs li jkunu jinvolvu xoghol f'livelli varji, bhal dak professjonali, amministrattiv, tekniku u agrikolu.

Għandu jsir titjib fil-leġiżlazzjoni u politika li jinkoragixxu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħin ħieles, per eżempju permezz ta' childcare centres iktar affordabbli u aċċessibbli, siegħat ta' xoghol flessibbli u/jew reduced working hours, skont l-għażla tal-ħaddiem, u ugwaljanza fid-drittijiet bejn ħaddiema tas-settur pubbliku u dak privat.

Irridu nrażżnu x-xogħol prekarju u nipproteġu aħjar lil dawk li qed jiġu sfruttati minn min iħaddimhom. Il-haddiema f'xoghol prekarju, inkluż ħaddiema barranin, għandu jkollhom l-istess drittijiet bħall-haddiema full-time, fuq bażi pro-rata, inkluż fil-pagi.

Għandu jiġi faċilitat l-aċċess ta' gruppi vulnerabbli għas-suq tax-xogħol biex b'hekk tonqos id-dipendenza tagħhom fuq il-benefiċċji soċjali.

Diskriminazzjoni fuq livelli soċjali varji għandha tigi kkonfrontata mhux biss fuq ix-xogħol iżda anke fi sferi socjali oħra. Il-leave tal-maternita' bi ħlas sħiħ, li bħalissa hu l-iktar baxx fl-UE, għandu jiżdied għal 20 ġimgħa, b'żieda ta' leave tal-paternita' (imhallas b'mod shih, ukoll) għal tal-inqas gimghatejn.

Ghandu jitħejja pjan nazzjonali ta' mobilita' socjali favur investiment f'familji u tfal foqra sabiex jigi żgurat li dawn jirċievu l-aħjar edukazzjoni u opportunitajiet ta' xogħol fost ohrajn.

Għandha tiġi ndirizzata bis-serjeta` il-problema ta' dawk li jitilqu mill-iskola qabel ma jagħlqu s-sittax-il sena.

### *Taxxi u Benfiċċji Soċjali*

Għandu jiżdied il-limitu biex wieħed ikun eżenti mit-taxxa fuq id-dħul għal kull min jaqla' inqas minn ammont stabbilit wara studji xjentifiċi, kif ukoll tnaqqis ta' taxxa tad-dħul fuq min għandu dħul baxx jew medju.

Għandu jkun hemm assessjar realistiku tal-beneficcji socjali, peress li bosta huma baxxi ħafna (per ezempju ghall-genituri waħedhom u nies b'diżabilita') jew ineżistenti ghal xi gruppi vulnerabbli bhal dawk bl- ME (Myalgic Encephalomyelitis) u l-FM Fibromyalgia.  Dan l-eżerċizzju jeħtieġ ukoll jassessja jekk hemmx gruppi vulnerabbli oħra li tradizzjonalment ma kinux protetti mill-istat biex il-benefiċċji soċjali jkunu jirriflettu r-realtajiet soċjali ta' llum.

Il-benefiċċji soċjali għandhom jiġu organizzati u simplifikati minħabba li burokrazija zejda tohloq stress u diffikultajiet kbar lill-gruppi vulnerabbli.

Riforma fil-pensjonijiet li tiżgura sostenibilita' finanzjarja u ġustizzja socjali. Filwaqt li għandha tiġi introdotta s-second pillar, għandu jkun hemm tnaqqis fl-40 sena mandatorji sabiex wieħed ikun eleġibbli għal penzjoni shiha. Is-sistema preżenti qed tohloq iktar inugwaljanzi ghal dawk  li ma jistgħux jaħdmu biex jieħdu hsieb lil haddiehor u haddiema part-time. Nisa, b'mod partikolari, isibuha difficli  li jibbilancjaw il-kontribuzzjonijiet meħtiega ma' affarijiet bħall-ħtiġijiet tal-familja, trobbija tat-tfal u xogħol b'nuqqas ta' sigurta'.

Aċċess ugwali għal trattament mediku lil kull pazjent mingħajr diskriminazzjoni. Il-Gvern għandu jaħdem iktar sabiex jizgura tnaqqis fil-prezz tal-medicina, inkluz li jikkunsidra li jimporta l-medicina flimkien ma' importaturi privati.

Żieda fl-investiment għall-provista' ta' facilitajiet u servizzi lil dawk b'diżabilita, inkluż għad-djar residenzjali, li bħalissa ma' jistghux ilaħħqu mad-domanda.

### *Konklużjoni*

Nafu li ma jistax isir kollox f'daqqa imma hemm bżonn li niċċaraw il-prijoritajiet u nkunu aktar sensittivi għat-tbatijiet ta' dawk li għadhom qed jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali fis-seklu 21.  Forsi hemm bżonn ta' aktar koordinazzjoni ma' entitajiet diversi tas-soċjeta ċivili u aġenziji tal-gvern li jaħdmu f'dan il-qasam u fuq kollox aktar rieda politika bis-serjeta`.